**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġuże' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 01/09(19_01_09).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Jannar 2009, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Mario Camilleri – Kunsillier u s-Sinjura Carmen Said – Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-12 ta' Jannar 2009.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Karnival fil-Munxar 2009.
6. Skema dwar Proġetti *Energy Saving*.
7. Xogħlijiet u Apparat għall-*Playing Field*.
8. Il-Ftehim dwar kiri tal-Grawnd taċ-Ċentru Parrokkjali.
9. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
10. Rapport tas-Sindku.
11. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
12. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
13. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali l-Minuti u r-Rapport dettaljat tal-kelliema tal-Laqgħa għas-Sindki u Viċi-Sindki li saret fil-5 u fis-6 ta' Settembru 2008, fil-Monte Kristo Complex, Luqa.

2.02 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali l-'Strategic Plan 2009 – 2013 – Vision for the Future of Local Government'.

2.03 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement kopja tal-Minuti tal-laqgħa li saret fl-14 ta' Novembru 2008, u l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.04 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari, Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni ittra ta' ringrazzjament għas-sehem tal-Kunsill sabiex l-attivitajiet tal-ħmistax–il Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali jirnexxu u appella għal koperazzjoni sabiex fit-tibdil li ser ikunu qed iwettqu verament jilħqu l-għan tagħhom.

2.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-KIP Għawdex Ltd. rigward il-ġbir ta' l-iskart isseparat fil-boroż il-griżi.

2.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand iċ-Chairman, MEPA rigward l-Urban Improvement Fund (UIF) u s-*Seminar* li ser jiġi organizzat dwaru fis-16 ta' Jannar 2009, fil-Le Meridien St. Julian's Hotel.

2.07 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-President, Malta Olympic Committee (MOC) u d-Direttur, MOC Sports For All rigward l-'Sports For All Competition'.

2.08 Il-Kunsill irċieva Memo 02/2009 mingħand l-Assistent Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Kunsilliera Responsabbli mill-Proġetti Sostenibbli fil-Lokalita''. Il-Kunsill ħatar lill-Viċi-Sindku, s-Sur Saviour Spiteri bħala l-Kunsillier responsabbli mill-Proġetti Sostenibbli fil-Lokalita'.

2.09 Il-Kunsill irċieva Memo 03/2009 mingħand id-Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Laqgħa tas-Sindki mal-President ta' Malta'.

2.10 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand iċ-Chief Executive Officer, CareMalta Group rigward 'Re: Nazzareno Vassallo Award for initiatives in Elder Care'.

2.11 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 04305/08 – *Proposed fireworks factory* f' Ta' Anġlu, Sqaq tas-Sanap, Munxar u Applikazzjoni Nru.05263/08 – *To deposit agricultural soil and increase height of dry stone retaining wall* fis-Saqwi, Triq l-Isqawi, Munxar. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

Is-Sindku rrefera għall-artiklu li deher fil-ġurnal Malta Today tal-11 ta' Jannar 2009, fejn il-Kittieb ta' l-artiklu talab il-veduta tal-Kunsill dwar l-Applikazzjoni Nru. 04305/08. Ġie deċiż li l-Kunsill jibgħat *flyer* f' kull dar biex min irid jista' jwassal il-kummenti bil-miktub dwar din l-applikazzjoni sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 30 ta' Jannar 2009. Kummenti anonimi ma jiġux aċċettati.

2.12 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 03653/08 – *To divide apartment into two flats* fi Triq ir-Rabat kantuniera ma' Triq ir-Ranċiż, Xlendi, Applikazzjoni Nru. 04991/08 - *Proposed flats at third floor level and penthouse and sanctioning of variations from approved permission* fi Triq iż-Żirżieb kantuniera ma' Triq ir-Ranċiż, Xlendi u Applikazzjoni Nru. 05067/08 – *Request for placing of tables and chairs in front of Ulysses Apart Hotel* fi Triq il-Ġostra, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward ir-regolamenti dwar permessi minn Kunsilli Lokali (Avviż Legali 119 tal-2002), għal dak li għandu x' jaqsam ma' *scaffolding*.

2.14 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kap tat-Taqsima tal-Kultura – Għawdex fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward il-'Gozo Annual Cultural Calender 2009'.

2.15 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 05562/08 – *To amend PA 1521/07 by adding basement and second floor and altering plans and elevation so that proposal includes basement garage and 3 apartments* fi Triq San Pawl, Munxar. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.16 Il-Kunsill irċieva ittra ta' stedina mingħand iċ-Chief Executive, Gozo Tourism Association sabiex il-Kunsill jattendi għal Annual General Meeting li ser isir fis-27 ta' Jannar 2009, fil-Kempinski San Lawrenz Resort & Spa.

2.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement rigward 'Infurzar Lokali relatat mat-tindif'.

2.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Comitium t' Għawdex tal-Leġjun ta' Marija. Huma qed jitolbu sabiex il-Kunsill iħallas għall-*party* żgħir li ser jiġi organizzat fil-Munxar, wara li ssir laqgħa ta' talb għall-Għaqda ta' l-Insara li għaliha jkunu mistiedna r-residenti barranin li joqogħdu f' Għawdex. Din il-laqgħa ser issir fil-Knisja ta' San Pawl Nawfragu, Munxar. Peress li r-regolamenti finanzjarji tal-Kunsilli ma jippermettux li jsir dan, il-Kunsill ma aċċettax.

3.02 Il-Kunsill irċieva kumpliment dwar is-Serata li l-Kunsill organizza f' Jum il-Munxar 2008. Din il-persuna qed tissuġġerixxi li għall-futur ikun xieraq jekk xi tfal mill-Munxar stess jieħdu sehem fil-partijiet mużikali għax fir-raħal hawn tfal li jafu jdoqqu diversi strumenti u anke' jkantaw.

3.03 Il-Kunsill irċieva mingħand *Street Hawker* biex isir *reserved parking* maġenb il-*bus shelter* tal-*Parking* tax-Xlendi peress li jkollu bżonn li juża dan il-*parking* kuljum mit-8 ta' filgħodu sat-3 ta' wara nofsinhar. Dan il-permess irid joħroġ mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, iżda l-Kunsill ma jaqbilx. Fil-fatt il-Kunsill qed jirċievi diversi ilmenti li kull meta dan il-*Hawker* jitlaq mill-*parking*, qed iħalli diversi ħmieġ.

3.04 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand resident fix-Xlendi. Huwa qed jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward diversi bżonnijiet ta' manutenzjoni fi Triq ix-Xatt. Il-Kunsill ħa nota ta' dawn l-ilmenti.

3.05 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Gozo Bird Breeders Society fejn qed jitolbu lill-Kunsill sabiex jisponsorja tazza li tingħata lil Membru mil-lokalita' tal-Munxar u l-ispiża għal din it-tazza hija ta' €50. Kien hemm qbil dwar dan.

3.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand it-Teżorir tal-Gozo SPCA. Huwa qed jilmenta dwar in-nuqqas ta' attendenza ta' Rappreżentant mill-Kunsill għall-attivita' li saret il-Ħadd, 14 ta' Diċembru 2008, fejn telgħet bix-xorti l-lokalita' li ser tingħażel sabiex isir il-'Gozo SPCA Owned Animals Neutering Campaign'. Peress li f' dik il-ġurnata l-Kunsill kien qed jiċċelebra Jum il-Munxar billi organizza *Sports Festival* fid-9 ta' filgħodu u Ħarġa bir-Roti wara nofsinhar, ħadd mill-Kunsilliera ma seta' jattendi. Il-Kunsill ser jinforma lill-SPCA li xorta huwa interessat dwar il-'Owned Animal Neutering Campaign', fil-Munxar.

3.07 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Avukat Tatiane Cassar, bħala Amministratur ta' blokk *flats* magħrufa bħala Xlendi Point Apartments. Hija qed tinforma lill-Kunsill li l-bankina ta' quddiem il-blokk hija għal kollox irregolari u għaldaqstant ta' periklu kbir kemm għas-sidien tal-blokk u għall-pubbliku in ġenerali, kif ukoll għall-vetturi li jipparkjaw quddiem dan il-blokk. Is-Sindku kien ser jikkuntatja lill-Avukat Cassar sabiex jiġi ċċarat għal liema bankina qed tirreferi, hux dik tal-blokk tagħha jew tal-blokk ta' maġenb.

3.08 Il-Kunsill irċieva kopja ta' *e-mail* li s-Sur David Apap Agius, Tourism Zone Coordinator bagħat lill-Uffiċjal Inkarigat mill-Beach Cleaners fix-Xlendi. Huwa qed jilmenta dwar nuqqas ta' tindif fix-Xlendi.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 01/09(19_01_09).

Il-ħin kien is-7.30 ta' filgħaxija u ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar it-Tnejn, 26 ta' Jannar 2009, fil-5.30 ta' filgħaxija biex titkompla l-istess Aġenda.

Il-Kunsill iltaqa' nhar it-Tnejn, 26 ta' Jannar 2009, fil-5.30 ta' filgħaxija. Preżenti kien hemm; Is-Sur Joseph Sultana - Sindku, s-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku, s-Sur Mario Camilleri - Kunsillier, is-Sur Patrick Grima - Kunsillier u s-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużata kien hemm is-Sinjura Carmen Said – Kunsillier.

**5.00 Karnival fil-Munxar 2009.**

5.01 Ġie deċiż li għall-ewwel darba l-Kunsill jorganizza Kompetizzjoni għall-isbaħ karru/moħriet dekorat.

Għal kull moħriet dekorat, il-Kunsill ser jagħti €70 tal-parteċipazzjoni u €90 premju wieħed f' din il-kategorija.

Għal kull karru li jinġibed bl-idejn, il-Kunsill ser jagħti €35 tal-parteċipazzjoni u €50 premju wieħed f' din il-kategorija.

- Dawk li ma jilħqux il-livell ma jingħatawx il-kumpens tal-parteċipazzjoni.
- Min ser jieħu sehem irid jippreżenta l-karru/moħriet, il-Ħadd, 22 ta' Frar 2009, mit-8 ta' filgħodu sa nofsinhar, fil-Pjazza tal-Munxar.
- Dawk interessati jridu jinkitbu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sa mhux aktar tard mis-16 ta' Frar 2009.

Bħas-snin l-imgħoddija l-Kunsill kien ser jikkummissjona kumpaniji taż-żfin, karru u maskaruni. Il-ħlasijiet ser ikunu; danza €85, karru €150 u d-danza ta' Doris Bugeja €240.

**6.00 Skema dwar Proġetti *Energy Saving*.**

6.01 Il-Kunsill iddeċieda sabiex japplika għall-iskema dwar Proġetti Energy Saving sabiex isiru pannelli biex jissupplixxu l-enerġija elettrika lill-*Playing Field* u lil-Latrina pubblika. Is-sistema biex tissupplixxi d-domanda ta' dawn trid tkun ta' 2.94kw/h. Il-Kunsill ġabar tliet kwotazzjonijiet li huma:

Solar Solutions - €18,926
Energy Services - €20,710
Electrics Co. Ltd. - €20,840

Permezz ta' din l-iskema jekk il-proġett jintlaqa', l-Kunsill jirċievi *grant* ta' €10,000.

**7.00 Xogħlijiet u Apparat għall-*Playing Field*.**

7.01 Il-Kunsill għamel riċerka dwar apparat għall-*Playing Field*, kemm fi *Playing Fields* f' Malta u Għawdex kif ukoll ma' *suppliers* li jimportaw apparat tal-*Playing Field*.

Wara li l-Kunsill evalwa dwar apparat li hawn fis-suq ġie deċiż li l-apparat ikun jikkonsisti f' bandla bi tlieta, tliet molol, struttura biż-żurżieqa u apparat tal-*gym* għal barra. Dwar il-pavimentar, is-Sindku informa lill-Kunsill li skont *feedback* mingħand *suppliers* ta' ċeramika u mgħallmin fuq dan ix-xogħol, aħjar ma jsirx ċeramika, iżda jsir madum. Ġie deċiż li l-pavimentar tal-*Playing Field* isir madum isfar, il-bankina kulur aħmar u t-tapit aħdar.

**8.00 Il-Ftehim dwar kiri tal-Grawnd taċ-Ċentru Parrokkjali.**

8.01 Kien hemm qbil unanimi sabiex il-Kunsill jiffirma l-Kuntratt dwar l-amministrazzjoni tal-Grawnd taċ-Ċentru Parrokkjali. Issa s-Sindku għandu jikteb lid-Direttur għall-Gvern Lokali sabiex iġib l-approvazzjoni bil-miktub.

**9.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

9.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar xogħlijiet li qed isiru fil-lokalita', fosthom il-bankina ta' Triq Santa Dminka li qed issir mill-ħaddiema tal-Works Division u materjal mill-Kunsill. Il-ħaddiema tal-Gvern naddfu wkoll Triq Ras il-Bajjada mit-trab li ġarret ix-xita għal ġot-triq.

**10.00 Rapport tas-Sindku.**

10.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien kellem lill-Avukat Tatiane Cassar dwar l-ilment tagħha fuq il-bankina ta' quddiem il-blokk *flats* li qed tamministra hi fi Triq San Xmun. Huwa informaha li l-bankina ta' quddiem il-*flats* tagħha tista' titranġa iżda l-bankina ta' 'il fuq hemm xi problema bil-katusa ta' l-ilma u tarġa fuq il-bankina.

10.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien attenda għal *Seminar* dwar il-proċeduri l-ġodda biex Kunsilli japplikaw għal Urban Improvement Fund mingħand il-MEPA. Hemm żmien sal-5 ta' Frar 2009, sabiex Kunsilli jibagħtu proposti dwar xi tibdiliet u proposti. Fil-każ tal-Kunsill Lokali Munxar hemm il-bżonn li dan il-fond ikopri xogħlijiet li jsiru max-Xtajta. Il-Kunsill kien ser jikteb lill-MEPA dwar dan.

10.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara li saru konsultazzjonijiet mas-Sur Kevin Sciberras, Uffiċjal Inkarigat mill-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, id-dati riservati għall-Kunsill tal-Munxar ser ikunu l-1, it-2 u t-3 ta' Mejju 2009. Il-Kunsill kien ħa ħsieb japplika għall-Fond ta' Attivitajiet Kulturali fejn jekk il-proposta tiġi aċċettata l-Kunsill jingħata 50% ta' l-ispejjeż sa massimu ta' €7,000.

**11.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

11.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-*Cleaner* tal-Kunsill għada titħallas is-somma ta' €4.66 kull siegħa. Hija ilha titħallas b' din ir-rata diversi snin. Ġie deċiż li mill-1 ta' Jannar 2009, il-*Cleaner* tibda titħallas bir-rata ta' €5.25 kull siegħa.

**12.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

12.01 Is-Sur Saviour Spiteri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar toqba li hemm fi Triq San Pawl u rigward tappiera li hemm fid-daħla tal-Munxar peress li tħabbat kull meta tgħaddi xi karozza minn fuqha. Il-*patching* kien ser isir mill-ħaddiema tal-Works Division filwaqt li kien ser isir lastku madwar it-tappiera mill-ħaddiema tal-Water Services Corporation.

12.02 Is-Sur Mario Camilleri staqsa jekk huwiex possibbli li *road hump* li saret quddiem Villa Mercieca tittella' ftit 'il fuq minħabba l-ħsejjes tal-karozzi. Kien hemm qbil dwar dan.

**13.00 Materji oħra.**

13.01 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-ħin allokat biex jintefa' skart goff fl-*Open Skip* għandu jitnaqqas u jsir mit-8 ta' filgħodu sal-10.30 ta' filgħodu. Ir-raġuni hija li sa dak il-ħin l-iskips ikunu mimlija u jekk isiru xi Gwardjani l-ispiża tkun anqas.

13.02 Is-Sindku ssuġġerixxa biex il-Kunsill jagħmel tabella *Loading and Unloading* viċin il-Lukanda San Andrea. Huwa ssuġġerixxa wkoll li fi Triq is-Sienja fix-Xlendi ssir tabella li tindika li residenti biss jistgħu jidħlu bħal fil-każ ta' Triq is-Sajjieda.

13.03 Il-Kunsill irċieva stima mingħand il-Playcraft sabiex isiru 500 basket taċ-ċarruta biex jitqassmu lir-residenti tal-Munxar u Xlendi. Dawn il-basktijiet ser jiswew €550. Kien hemm qbil biex dawn jiġu ordnati.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 26 ta' Frar 2009, fis-6.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Joseph Sultana** | **Anthony Grech** |
| ***Sindku.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |